# LAPSI FI DRAWWIETNA MGĦODDIJA

LORENZO ZAĦRA

Bosta użanzi u għemejjel ta' l-imgħoddi llum għebu u baqgħu biss reġistrati fil-ġrajjiet ta' limgħoddi. Jekk il-kittieb magħruf Dun Ġian Mari Farrugia tal-Birgu, f'kitbietu ta' xjuħitu ġa kien jgħid li ħafna għemejjel ta' tfulitu kienu qed jinbidlu, xejn aħna fi żmienna rajna l-għabien ta' tant ħwejjeġ u użanzi ta' tfulitna.

Fil-Birgu ta' l-imgħoddi, jum il-festa ta' Lapsi kien marbut kemm ma ċelebrazzjonijiet reliġjużi kif ukoll ma' divertiment. Jum Lapsi jfakkarna f'meta Ġesu tela' s-sema u l-kanonċi tal-Birgu bħal oħrajn kienu jagħmlu tlitt ijiem ta' proċessjoni qasira ta' penitenza, magħrufa wkoll bħala tar-Rogazzjoni. Hawn min jaħseb li l-kelma Lapsi tfisser "tiġrif" għax fiż-żmien ewlieni tal-persekuzzjoniji ta' l-insara f "Ruma ġie li kien hemm insara li beżgħu jieħdu l-martirju għall-fidi, iżda għalew u talbu li jerġgħu jidħlu fil-Knisja. Kienu jiġu milqugħin mill-ġdid wara prenitenzi, f'jum Lapsi.

Wara li dari fil-Birgu kienet issir proċessjoni bl-istatwa ta' Kristu tiela' s-sema, in-nies kienu jtugħa għad-divertiment. L-istatwa ta' Kristu tiela' s-sema, sa qabel il-gwerra kienet tinżamm fil-knisja tal-Karmnu, imma wara l-gwerra, meta l-knisja saret maħżen għall-armar tal-festa, l-istatwa ġiet mormija, u llum baqa' xi fdal imwarrab.

Ħafna nies għadhom jiftakru l-bandli ta' Lapsi. Biex joqgħodu aktar minn persuna waħda fuqha, il-bandla kienet tkun tavla, Kulħadd kien ifittex il-mod tiegħu; min jorbotha f'daħla ta' xi bieb għoli, min minn ħajt għall-ieħor, jew wkoll mal-friegħi tas-siġar. Ma kienx jimporta fejn; l-importanti li kulħaddjitbandal.

Bosta nies oħra kienu jbakkru biex imorru jibburdjaw, għalhekk minn kmieni wara l-quddiesa ta' l-ewwel, kienu jitilqu bil-ġewlaq ta' l-ikel magħom u jerħulha lejn "It-Toqba l-Qadima" jew "It-Toqba l-Ġdida" u hemm jarmaw il-luġer u bil-mod jerħulha jibburdjaw għaż-żiffa ħelwa. Oħrajn kienu joħorġu bil-fregatina, luzzu jew baqqa li minn qabel kienu jħejju miżbugħa biex jagħmlu jum fuq il-baħar.

Skond id-daqs ta' l-opra kienu jmorru lejn San Ġiljan, Bigħi, Rinella jew Marsaxlokk.

Ħafna familji li ma kienx ikollhom biċċa tal-baħar, minn kmieni kienu jmorru jfittxu x-xtajtiet. Bosta kienu jmorru lejn Ix-Xgħajra qrib Ħaż-Żabbar fejn jgħaddu l-jum. Oħrajn kien ikollhom xi kamra qrib il-baħar. Kienu jmorru bil-mixi, jew jirkbu l-karrozzin minn "Fejn Sabu s-Sinjur".

Nies oħrajn tal-Birgu kienu jinżlu "Taħt il-Bandiera" . Hemm ukoll kien jimtela' niex, kulħadd isajjar fil-beraħ, bl-irwejjaħ u dħaħen telgħin, tfal jilgħabu u jiġġerrew, min ikanta u min iċapċap. Kient tkun festa tal-familja, bid-daħq, żuffjett, daqq tal-kitarri u orgni tal-ħalq. Ma kienx jonqos l-imbid, li allura kienu jsejjħulu "ħalib tax-xjuħ"; oħrajn kienu jgħidulu "il-mixgħela" għax b'xarba mbid kienu jixgħelu fil-għena u jaraw id-dinja ddur.

In-naħa l-oħra fil-Belt Valletta, bosta nies kienu jimlew "Il-Fossa" jew "Taħt Iż-Żiermel", u Sa Maison; hemm ukoll kienu jgħaddu l-jum jgħannu qrib il-baħar, isajjru u jieklu.

Meta taqra fuq dawn l-użanzi ta' missirijietna tħoss il-bidla li rajna, b'tant karrozzi, jottijiet u ikel fir-restoranti u lukandi kullimkien!

---

**AWGURI lil Rafel Bonnici Calì**

L-Editur u l-Kumitat tal-Għaqda Tal Folklor jixtiequ jifirħu lis-Sur Rafel Bonnici Calì li din is-sena għalaq 92 sena. Huwa wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħna, wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda tagħna, u spiss għamel kitbiet għall-L-Imnara. Minbarra ix-xogħol tiegħu dejjem kien, u għadu jaħdem għall-interess tal-folklor Malti. Nawgurawlu aktar snin ta' saħħa u xogħol.